MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Numru. 411/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Kevin Farrugia)**

**v**

**Graziella Debono ta’ 25 sena**
**bint ‘unknown father’ u Ludgarda nee**
**Debono, mwielda Pieta’, fl-1 ta’ Jannar, 1977**
**u toqghod 57, Triq il-Gdida, Msida li ghandha**
**karta tal-identita’ bin-numru 38877 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Graziella Debono li giet akuzata talli f’dawn il-gzejjer fl-10 ta’ Settembru, 2002 u fil-jiem ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkommettiet serq ta' quick cash card mahruga mill-HSBC Bank (Malta) p.l.c. u Cashlink Card mahruga mill-Bank of Valletta p.l.c. f'isem Cesandra Xuereb fejn ikkommettiet serq bl-istess cash link card u quickcash card ta' aktar minn Lm 10 u anqas minn Lm 100 ghad-dannu ta' Cesandra Xuereb li ghandha numru tal-karta tal-identita' 421084 (M) u l-banenk kummercjali Bank of Valletta p.l.c. kif ukoll l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-dan ai termini tal-Artikolu 261(b) u 340 (c) u (d) tal-Ligijiet ta' Malta.
2. ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq patijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-partijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi warali gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom ghad-dannu ta' Cesandra Xuereb numru tal-karta tal-identita' 421084 (M) u l-banek kummercjali Bank of Valletta p.l.c. kif ukoll l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. u dan ai termini tal-artikoli 183 tal-Kap 9 tal-Kodici ta' Malta.
3. talli xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza ghad-dannu ta' Cesandra Xuereb numru tal-karta tal-identita' 421084 (M) u l-banek kummercjali Bank of Valletta p.l.c. kif ukoll l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. u dan ai termini tal-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.
4. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi write haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika ghamlet qligh ta' anqas minn Lm 100 bi hsara ta' Cesandra Xuereb numru tal-karta tal-identita' 421084 (M) u l-banek kummercjali Bank of Valletta p.l.c. kif ukoll l-

HSBC Bank (Malta) p.l.c. u dan bi ksur ta' l-Artikoli 309 u 310 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. iffalsifikat cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank, jew stabiliment pubbliku, jew minn bank, jew stabiliment pubbliku iehor imwaqqaf b'xi att pubbliku tal-gvern u dan ai termini tal-artikolu 167 (1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

6. xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jw akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta,

7. u aktar talli ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn document falsifikat u cioe cashlink u quickcash mahruga minn awtorita' pubblika ghad-dannu ta' Cesandra Xuereb li ghandha numru tal-karta tal-identita' 421084 (M) u l-banek kummercjali Bank of Valletta p.l.c. kif ukoll l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. u dan bi ksur ta' artikolu 189 tal-Kap 8 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellha ebda oggezzjoni tali proceduri.

Rat l-ammissjoni registrata fi stadju bikri ta' interrogatorju.

Rat il-konkluzjonijiet dedotti fil-pre sentencing report.

Ghaldaqstant filwaqt li qed issibha hatja skond l-akkuzi kif dedotti u dan wara li rat l-artikoli 261, 183, 184, 309, 167, 334, 189 tal-Kapitlu 9. Rat ukoll l-artiklu 17 tal-imsemmi Kapitlu.

Dwar il-piena rat il-fedina penali taghha li hija ghal kollox netta, tqeghda taht ordni ta' probation ghal sena mil-llum u qeghda tahtar ghal dan l-iskop lil John Testa b'dan illi Graziella Debono ghandha zzomm dak il-kuntatt minnha

mitlub mill-Ufficjal tal-Probation u tobdi kull direttiva lilha moghtija mill-istess Ufficjal tal-Probation.

L-istess Ufficjal tal-Probation ghandu jirraporta lilha bil-miktub l-andament ta’ Graziella Debono kull tmien gimghat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------